

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Henricus Cornelis Maria Niessen, Angélique Francisca Niessen Steeghs, Melissa Alexandra Johanna Niessen, Kenneth Gerardus Henricus Niessen

Konvenuta: Condor Flugdienst GmbH

Domandi preliminari

- 1) L-interventi minn terzi li jaġixxu fuq responsabbiltà tagħhom stess u li ġew fdati b'kompiti relatati mal-attivitàjiet ta' trasportatur tal-ajru jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu ċirkustanzi straordinarji fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament ⁽¹⁾?
- 2) Fil-każ li l-ewwel domanda teħtieġ risposta pożittiva, huwa importanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni li jkun magħruf minn min (kumpannija tal-ajru, operatur tal-ajruport, etc) ġie inkarigat it-terz?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia n 5 de Cartagena (Spanja) fl-14 ta' Marzu 2014 – Aktiv Kapital Portfolio Investment vs Angel Luis Egea Torregrosa

(Kawża C-122/14)

(2014/C 159/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia n 5 de Cartagena

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Aktiv Kapital Portfolio Investment

Konvenut: Angel Luis Egea Torregrosa

Domanda preliminari

Id-Direttiva 93/13/KEE ⁽¹⁾ għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-ordinament ġuridiku Spanjol li ma tippermettix li jiġi mistharrig *ex officio ad limine litis*, fil-proċedura ta' eżekuzzjoni sussegwenti, it-titolu eżekuttiv ġudizzjarju – digriet mogħti mill-qorti li jtemm il-proċeduri għall-ordni ta' ħlas fin-nuqqas ta' oppożizzjoni – sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' klawżoli inġusti fil-kuntratt li wassal għal dan id-digriet li intalbet l-eżekuzzjoni tiegħu, peress li d-dritt nazzjonali jikkunsidra li hija saret *res judicata*, id-dispożizzjonijiet flimkien tal-Artikoli 551, 552 u 816(2) tal-LEC?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kontratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (il-Litwanja) fit-18 ta' Marzu 2014 – Andrejs Surmačs vs Finanšu un kapitāla tirgus komisija

(Kawża C-127/14)

(2014/C 159/20)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa